MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Numru. 328/2012

**Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Roderick Zammit)**

**vs**

**Victor Fenech**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Victor Fenech ta’ 40 sena, iben Paul u Rosaria nee’ Micallef imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Awwissu 1971, u residenti 37, Triq is-Serkin, Marsa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 362871(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar is-26 ta’ Marzu 2012 ghall-habta ta’ 20:00hrs ta’ filghaxija gewwa Hal Qormi, ikkommetta serq ta’

'prodotti ta'ikel tal-annimali' liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93 ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Anthony Tanti u/jew persuna/i ohra;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema hsara hija aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu izda ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu ta' l-ewro ghad-dannu ta' Anthony Tanti u/jew persuna/I ohra;

3. Sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Lil omissis wahdu talli:

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Mag Dr G Vella LLD li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija li ma johrogx mid-dar fejn jirrisjedi wara s-sebgha ta' filghaxija;

Lil Victor Fenech wahdu talli:

5. 4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Mag Dr C Stafrace Zammit LLD li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garazija li ma johrogx mid-dar fejn jirrisjedi wara t-tmienja ta' filghaxija.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Marzu 2012 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li l-Prosekuzzjoni u d-Difiza jaqblu li t-tieni(2) imputazzjoni hija mezz ghal fini tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-25 ta' Jannar 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li t-tieni(2) imputazzjoni kienet ai mezz ghall-fini tal-ewwel(1) imputazzjoni, kkunsidrat ukoll li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri izda ikkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv u ghalhekk jidrilha li m'ghandiex alternattiva hlief li timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 271, 279, 280, 20, 49, 50 tal-Kodici Kriminali u 16(2) u (3) tal-Artikolu XVI tal-2006, l-Qorti ssib lill-imputat Victor Fenech hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------